IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 8.9.2014
COM(2014) 565 final

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-UE

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, EURATOM) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 10 tiegħu jippermetti l-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea, fil-limitu massimu annwali ta' EUR 500 miljun (prezzijiet tal-2011), b'żieda mal-intestaturi relevanti tal-qafas finanzjarju. Il-kundizzjonijiet tal-eliġibilità għall-Fond jinsabu fid-dettall fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002[2], peress li r-Regolament emendat tiegħu (UE) Nru 661/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3] ma jistax jiġi applikat b'mod retroattiv.

Fuq il-bażi tal-applikazzjonijiet tal-Italja, il-Greċja, is-Slovenja u l-Kroazja l-kalkolu tal-għajnuna mill-Fond, abbażi tal-istima tal-ħsara totali kkawżata huwa kif ġej:

Diżastri	*Ħsarat diretti (f'EUR)*	*Limitu massimu (f'EUR miljuni)*	*Ammont ibbażat fuq 2,5 % (f'EUR)*	*Ammont ibbażat fuq 6 % (f'EUR)*	**Ammont totali tal-għajnuna proposta (f'EUR)**
Italja, għargħar	*652 418 691*	*3 752,330*	*16 310 467*	~	***16 310 467***
Il-Greċja, terrimot	*147 332 790*	*1 168,231*	*3 683 320*	~	***3 683 320***
Is-Slovenja, silġ/maltemp	*428 733 722*	*209,587*	*5 239 675*	*13 148 803*	***18 388 478***
Il-Kroazja, silġ/għargħar	*291 904 630*	*254,229*	*6 355 725*	*2 260 538*	***8 616 263***
TOTAL					***46 998 528***

Fid-dawl tal-eżaminazzjoni tal-applikazzjonijiet[4], u meta titqies l-għotja massima possibbli mill-Fond flimkien mal-possibilità ta' riallokazzjoni ta' approprjazzjonijiet, il-Kummissjoni tipproponi li timmobilizza l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea għal ammont totali ta' EUR 46 998 528.

Il-Kummissjoni se tressaq abbozz ta' baġit emendatorju (ABE) sabiex fil-baġit tal-2014 jiddaħħlu l-approprjazzjonijiet speċifiċi tal-impenji u l-pagamenti. Fil-każ ta' nuqqas ta' qbil, se tinbeda proċedura ta' trilogu skont il-Punt 11 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba[5].

---

1 ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884.
2 ĠU L 311, 14.11.2002, p.3.
3 ĠU L 189, 27.6.2014, p.143.
4 Komunikazzjoni lill-Kummissjoni C(2014) 6077 .
5 ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-UE

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 tal-11 ta' Novembru 2002 li jistabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea [6], u partikolarment l-Artikolu 4 (3) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba[7], u b'mod partikolari l-punt 11 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni[8],

Billi:

(1) L-Unjoni Ewropea ħolqot il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (il-"Fond") sabiex turi solidarjetà mal-popolazzjoni ta' reġjuni milquta minn diżastri.

(2) L-Artikolu 10 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1311/2013 jippermetti l-mobilizzazzjoni tal-Fond sal-limitu massimu annwali ta' EUR 500 miljun (prezzijiet tal-2011).

(3) Ir-Regolament (KE) Nru 2012/2002 fih id-dispożizzjonijiet li jippermettu l-mobilizzazzjoni tal-Fond.

(4) L-Italja ressqet applikazzjoni biex timmobilizza l-Fond, minħabba għargħar.

(5) Il-Greċja ressqet applikazzjoni biex timmobilizza l-Fond, minħabba terrimot.

(6) Is-Slovenja ressqet applikazzjoni biex timmobilizza l-Fond, minħabba maltempati bis-silġ.

(7) Il-Kroazja ressqet applikazzjoni biex timmobilizza l-Fond, minħabba maltempati bis-silġ segwiti b'għargħar.

---

6 ĠU L 311, 14.11.2002, p.3.
7 ĠU C 373, tas-20.12.2013, p. 1.
8 ĠU C […], […], p. […].

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2014, il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea jiġi mmobilizzat biex jipprovdi s-somma ta' EUR 46 998 528 f'impenji u approprjazzjonijiet ta' pagament.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*